Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8977 — Lone Star Funds/Imerys TC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 322/08)

1. Fit-30 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— LSF10 Impala Investments SARL (il-Lussemburgu), ikkontrollata minn Lone Star Fund X (l-Istati Uniti) (flimkien "Lone Star Funds");

— Imerys TC, société par actions simplifiée ("Imerys", Franza), ikkontrollata minn Imerys SA (Franza).

Lone Star Funds takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Imerys kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Lone Star Funds: bħala ditta ta' ekwità privata, li tinvesti fi proprjetà immobbli, ekwità, kreditu u assi finanzjarji oħra madwar id-dinja;

— Imerys: tfassal u tipprovdi prodotti tas-soqfa inkluż madum tat-tafal u tal-fuħħar, soluzzjonijiet fotovoltajċi, tisqif termali u aċċessorji, għas-servizz ta' individwi, professjonisti u kumpaniji tal-kostruzzjoni, kważi esklussivament fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8977 — Lone Star Funds/Imerys TC

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.